VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,924, 20 ta' Diċembru, 2017
Taqsima B

A.L. 375 tal-2017

KODIĊI ĊIVILI
(KAP. 16)

Regolamenti tal-2017 dwar ir-Reġistru ta' Sidien Benefiċjarji - Fondazzjonijiet (It-Tieni Skeda) (Kodiċi Ċivili)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 24(k) tat-Tieni Skeda tal-Kodiċi Ċivili, il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, kamp ta' applikazzjoni u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2017 dwar ir-Reġistru ta' Sidien Benefiċjarji - Fondazzjonijiet (It-Tieni Skeda) (Kodiċi Ċivili).

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu sabiex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE li jirrigwardaw informazzjoni dwar sidien benefiċjarji ta' fondazzjonijiet stabbiliti taħt il-liġijiet ta' Malta, u għandhom jinftiehmu u jiġu applikati skont hekk.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2018.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"azzjonijiet materjali" tfisser l-azzjonijiet li ġejjin jew kull azzjoni oħra li twassal għall-istess riżultat:

(a) l-emendar tal-istatut;

(b) iż-żieda jew it-tneħħija ta' xi benefiċjarju, jew xi persuna minn klassi ta' benefiċjarji jew kull azzjoni li taffettwa dak li benefiċjarju jkun intitolat għalih;

(ċ) il-ħatra jew it-tneħħija ta' amministraturi jew protetturi jew membri tal-kunsill ta' superviżjoni;

(d) l-aċċettazzjoni ta' fundaturi ġodda;

(e) it-tibdil tad-domiċilju tal-fondazzjoni;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(f) l-assenjament jew it-trasferiment tal-attiv kollu tal-fondazzjoni jew tal-maġġoranza tiegħu; jew

(g) it-terminazzjoni jew ir-revoka tal-fondazzjoni;

"fondazzjoni" hi organizzazzjoni li tikkonsisti f'universalità ta' ħwejjeġ kostitwita bil-miktub, kemm jekk b'att pubbliku, skrittura privata, riżoluzzjoni jew mod ieħor, minn fundatur jew fundaturi li permezz tagħha attiv jiġi destinat jew għat twettieq ta' għan speċifiku jew għall-benefiċċju ta' persuna msemmija jew klassi ta' persuni, liema attiv jiġi fdat f'idejn l-amministrazzjoni ta' persuna jew persuni msemmija, u dan irrispettivament jekk tkunx reġistrata jew le mar-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi f'konformità mat-Tieni Skeda jew regolamenti applikabbli;

"persuna suġġetta" tfisser persuna suġġetta skont id-dispożizzjonijiet tal-Att kontra *Money Laundering*, u regolamenti applikabbli;

Kap. 373.

"Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi" hu l-persuna maħtura mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja f'konformità mal-artikolu 11 tat-Tieni Skeda;

"reġistru ta' sidien benefiċjarji" tfisser ir-reġistru ta' benefiċjarji u persuni oħra miżmum mill-fondazzjoni f'konformità ma' dawn ir-regolamenti;

"Reġistru ta' Sidien Benefiċjarji" tfisser ir-Reġistru ta' Sidien Benefiċjarji - Fondazzjonijiet miżmum mir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi f'konformità ma' dawn ir-regolamenti;

"sid benefiċjarju" għandu jkollha t-tifsira mogħtija lilha taħt ir-Regolamenti kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu speċifikament kif applikabbli għal fondazzjonijiet u għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti għandhom jiġu speċifikament applikati għal dawn li ġejjin:

L.S. 373.01

(a) il-fundatur;

(b) l-amministratur(i);

(ċ) il-protettur jew il-membri ta' kunsill ta' superviżjoni, jekk ikun hemm;

(d) il-benefiċjarji meta dawn huma identifikati fl-istrumenti rilevanti tal-fondazzjoni, bla ħsara għar-regolament 4(1)(g), jew fejn l-individwi li jibbenefikaw mill-fondazzjoni għad iridu jiġu ddeterminati, il-klassi ta' persuni li fl-interess

VERŻJONI ELETTRONIKA

prinċipali tagħhom il-fondazzjoni tiġi stabbilita jew topera u meta l-benefiċjarja tkun entità ġuridika allura din il-fraži għandha tinkludi wkoll is-sid benefiċjarju aħħari ta' dik l-entità ġuridika; u

(e) kull persuna naturali oħra li teżerċita l-kontroll finali u effettiv fuq il-fondazzjoni bi kwalunkwe mezz inkluża kull persuna (minbarra dawk diġà msemmija fil-paragrafi (a) sa (d) ta' din it-tifsira) li għandu jinkiseb il-kunsens tagħhom, jew li d-deċiżjoni tagħhom hi vinkolanti, skont id-dispożizzjonijiet tal-istatut tal-fondazzjoni jew kull strument ieħor bil-miktub, għal azzjonijiet materjali li għandhom jittieħdu mill-fondazzjoni jew mill-amministraturi;

u "sjieda benefiċjarja" għandha tinftiehem skont hekk;

"it-Tieni Skeda" tfisser it-Tieni Skeda li tinsab mal-Kodiċi Ċivili; Kap. 16.

"uffiċjal" tfisser l-amministratur jew l-amministraturi tal-fondazzjoni li huma msemmija fl-istatut u, jew, fejn ikun hemm bidliet, fil-formula tal-avviż rilevanti mibgħuta lir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi, u fejn l-amministratur ikun organizzazzjoni ġuridika, il-persuni fdati bil-ġestjoni u l-amministrazzjoni tagħha, u dan għaż-żmien kollu li fih jibqgħu jokkupaw dik il-kariga.

(2) Sakemm ma jingħadx mod ieħor jew ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, kliem u espressjonijiet użati f'dawn ir-regolamenti għandu jkollhom l-istess tifsira mogħtija lilhom fit-Tieni Skeda u fl-Att kontra *Money Laundering* u f'regolamenti magħmulin taħthom, kif ir-rabta tal-kliem tista' teħtieġ. Kap. 373.

3. (1) Bla ħsara għall-esklużjonijiet imsemmija fis-subregolament (2), dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-fondazzjonijiet kollha stabbiliti: Applikabilità ta' dawn ir-regolamenti.

(a) bħala fondazzjoni benefiċjarja, għal interess privat; jew

(b) bħala fondazzjoni b'għan għall-ksib ta' għan soċjali jew għat-twettieq ta' xi attività legali fuq bażi ta' mingħajr profitt;

u dan, irrispettivament jekk ikunux reġistrati jew le mar-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi f'konformità mat-Tieni Skeda jew ma' regolamenti applikabbli u tinkludi organizzazzjonijiet volontarji li għandhom il-forma ta' fondazzjonijiet.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) Dawn ir-regolamenti ma japplikawx għal:

(a) fondazzjoni li tkun stabbilita u kontrollata mill-Gvern ta' Malta fejn "kontrollata mill-Gvern ta' Malta" tfisser li l-Gvern ta' Malta għandu s-setgħa, kemm direttament kif ukoll indirettament, li jinnomina, jaħtar, jibdel, jew ineħħi l-maġġoranza tal-amministraturi tal-fondazzjoni; jew

(b) fondazzjoni li tikkostitwixxi fondazzjoni pija jew entità ekkleżjastika li jkollha l-forma ta' fondazzjoni f'konformità mat-Tieni Skeda jew hi legat taż-żwieġ regolat bil-Liġi dwar il-Legati taż-Żwieġ; jew

Cap. 3.

(ċ) kull tip ieħor ta' fondazzjoni mhux imsemmi hawn qabel, li l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' isemmi permezz ta' avviż.

Fondazzjonijiet għandhom iżommu *record* ta' sidien benefiċjarji.

4. (1) Kull fondazzjoni għandha tieħu l-passi kollha raġonevoli biex tikseb u żżomm il-ħin kollu informazzjoni adegwata, preċiża u aġġornata fir-rigward tas-sidien benefiċjarji tagħha, liema informazzjoni għandha għall-inqas tinkludi d-dettalji li ġejjin:

(a) l-isem;

(b) id-data tat-twelid;

(ċ) in-nazjonalità;

(d) il-pajjiż ta' residenza;

(e) in-numru tad-dokument uffiċjali ta' identifikazzjoni li jindika t-tip ta' dokument u l-pajjiż minn fejn inħareġ;

(f) ir-rwol tas-sid benefiċjarju fir-rigward tal-fondazzjoni skont il-paragrafi (a) sa (ċ) u (e) tat-tifsira "sid benefiċjarju" fir-regolament 2(1);

(g) fil-każ ta' benefiċjarju kif imfisser fil-paragrafu (d) tat-tifsira "sid benefiċjarju" fir-regolament 2(1), l-għamla u l-firxa tal-benefiċċju u kull bidla għalihom, kif ukoll, meta jkun applikabbli, indikazzjoni jekk l-istatut tal-fondazzjoni jew kull strument ieħor bil-miktub jinkludux xi sospensjoni tad-dmir tal-uffiċjal li jinforma lil dak il-benefiċjarju dwar il-benefiċċju tiegħu taħt il-fondazzjoni jew li jifforma parti minn klassi ta' benefiċjarji li jistgħu hekk jibbenefikaw, u f'dak il-każ, dik il-persuna ma titqiesx bħala benefiċjarju sa meta tiġi informata dwar dak il-benefiċċju jew fil-fatt tirċievi dak il-benefiċċju; u

VERŻJONI ELETTRONIKA

(h) id-data effettiva li fiha persuna naturali saret, jew temmet milli tkun, sid benefiċjarju tal-fondazzjoni jew, fil-każ ta' benefiċjarju, id-data effettiva li fiha l-interess benefiċjarju tiegħu fil-fondazzjoni żdied jew tnaqqas.

(2) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament, fejn il-benefiċjarji ta' fondazzjoni huma klassi ta' benefiċjarji, għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin sakemm ma jingħadx mod ieħor fl-istatut jew fid-dikjarazzjoni benefiċjarja tal-fondazzjoni:

(a) il-klassi għandha tiġi deskritta u l-membri tagħha msemmijin kif meħtieġ b'dan ir-regolament;

(b) meta ssir referenza għal "familja" ta' persuna, il-klassi titqies li hi magħmula mill-persuna, l-axxendenti diretti tagħha, il-konjuġi tagħha, id-dixxendenti diretti tagħha, u sakemm ma jkunux esklużi, il-konjuġi rispettivi tagħhom;

(ċ) meta titwieled tarbija jew ikun hemm żwieġ, sakemm ma jingħadx mod ieħor, dik it-tarbija u konjuġi għandhom jiġu dikjarati fi żmien tliet xhur mit-twelid jew miż-żwieġ;

(d) "tfal" tinkludi tfal li jitwieldu barra miż-żwieġ u tfal adottati;

(e) "konjuġi" tinkludi l-persuna li l-persuna rilevanti tkun miżżewġa magħha fiż-żmien rilevanti u mhux persuni li ddivorzjaw jew isseparaw minnhom, u tinkludi ukoll persuni li magħhom teżisti unjoni ċivili jew koabitazzjoni jew arranġament *de facto* rikonoxxut mil-liġi fil-pajjiż fejn huma jirrisjedu abitwalment, inkluż, fejn ikun permess, tal-istess ġeneru;

u l-informazzjoni preskritta f'dan is-subregolament għandha tintbagħat lir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi malli benefiċjarju jiġi determinat li jifforma parti minn klassi ta' benefiċjarji jew jiġi maħtur bħala benefiċjarju tal-fondazzjoni, skont liema tiġi l-ewwel:

Iżda xejn f'dak li ntqal hawn qabel ma għandu jaffettwa l-interpretazzjoni ta' statut ta' fondazzjoni jew dikjarazzjoni ta' fondazzjoni li jindikaw il-benefiċjarji ta' fondazzjoni, jew dak li jkun dovut lil persuni li jistgħu jkunu jew ma jkunux benefiċjarji jew li jkunu hekk intitolati, li għandhom jiġu regolati mill-istatut, mid-dikjarazzjoni tal-fondazzjoni u mill-prinċipji tal-liġi applikabbli u d-dikjarazzjoni magħmula għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti ma tistax tintuża sabiex tingħata prova jekk dak il-jedd jeżistix jew le u

VERŻJONI ELETTRONIKA

safejn jasal.

(3) Il-fondazzjoni għandha tikseb l-informazzjoni meħtieġa taħt is-subregolament (1) mis-sidien benefiċjarji tal-fondazzjoni u, jew minn kull persuna naturali li raġonevolment temmen li hi sid benefiċjarju, li jkollhom id-dmir li jipprovdu dik l-informazzjoni lill-fondazzjoni mingħajr dewmien u kull benefiċjarju li jakkwista, jiddisponi minn, iżid jew inaqqas l-interess benefiċjarju tiegħu fil-fondazzjoni, jew li jsir disponiment mill-interess benefiċjarju tiegħu, jew jiżdied jew jitnaqqas permezz ta' azzjoni tal-amministraturi tal-fondazzjoni, u kull persuna li tinħatar jew tieqaf milli tibqa' fir-rwol ta' sid benefiċjarju fir-rigward tal-fondazzjoni skont il-paragrafi (a) sa (ċ) u (e) tat-tifsira "sid benefiċjarju" fir-regolament 2(1) ikollhom id-dmir li minnufih jipprovdu dik l-informazzjoni lill-fondazzjoni.

(4) Dik l-informazzjoni għandha tiġi verifikata mill-fondazzjoni abbażi ta' dokumenti, *data* jew informazzjoni miksuba minn sors ta' min jorbot fuqha. Il-fondazzjoni għandha wkoll tiżgura li tikseb dikjarazzjonijiet li jikkonfermaw li s-sid benefiċjarju mhuwiex intermedjarju, bħal ma hu aġent, *nominee* jew *trustee*, għal persuna oħra, u jekk hu hekk, il-fondazzjoni għandha ukoll tikseb informazzjoni dwar il-prinċipal jew il-benefiċjarju ta' dak l-intermedjarju.

Meta l-benefiċjarju jkun organizzazzjoni ġuridika jew intermedjarju fiduċjarju jew mod ieħor, l-informazzjoni għandha tinkiseb b'referenza għall-persuna naturali li tkun is-sid benefiċjarju aħħari tagħha.

Kull informazzjoni li tinsab fl-att jew fl-istatut ta' fondazzjoni, jew kull dikjarazzjoni benefiċjarja, prokura, ħatra jew ittra ta' istruzzjoni, mibgħuta lir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi fiż-żmien tar-reġistrazzjoni tal-fondazzjoni jew f'xi żmien wara, u kull dokument jew avviż reġistrat mar-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi f'kull żmien, kull testment jew xi dokument uffiċjali ieħor għandhom jitqiesu li jkunu suffiċjentement ta' min jorbot fuqhom għall-finijiet tat-twettieq tad-dmirijiet taħt dan ir-regolament.

(5) Kull fondazzjoni benefiċjarja, jiġifieri fondazzjoni stabbilita għall-benefiċċju ta' benefiċjarju jew benefiċjarji jew klassi ta' benefiċjarji, għandha ddaħħal l-informazzjoni msemmija fis-subregolament (1) f'reġistru ta' sidien benefiċjarji, liema reġistru għandu jinżamm u jiġi aġġornat mill-fondazzjoni fl-indirizz reġistrat tal-fondazzjoni jew f'xi post ieħor kif jista' jiġi speċifikat fl-istatut tal-fondazzjoni.

(6) Kull fondazzjoni b'għan, jiġifieri fondazzjoni stabbilita

VERŻJONI ELETTRONIKA

unikament biex jinkiseb għan iddikjarat u li ma għandhiex benefiċjarji kif imfisser fil-paragrafu (d) tat-tifsira "sid benefiċjarju" fir-regolament 2(1) tkun meħtieġa biss li ddaħħal l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi (a) sa (ċ) u (e) ta' dik it-tifsira f'reġistru ta' sidien benefiċjarji, liema reġistru għandhu jinżamm u jiġi aġġornat mill-fondazzjoni fl-indirizz reġistrat tal-fondazzjoni jew f'xi post ieħor kif jista' jiġi speċifikat fl-istatut tal-fondazzjoni.

(7) Fondazzjoni m'għandhiex:

(a) iddaħħal l-isem ta' sid benefiċjarju jew xi bidliet għall-interess benefiċjarju fir-reġistru ta' sidien benefiċjarji; jew

(b) tinnotifika, meta hekk meħtieġa wara xi avveniment, lir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi f'konformità mat-Tieni Skeda, dwar l-isem ta' xi sid benefiċjarju;

sakemm ma tkunx kisbet, skont kif ikun applikabbli, informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja bażika u sakemm ma tkunx wettqet l-obbligi ta' diliġenza dovuta fuq il-klijent f'konformità mal-ħtiġiet tal-Att kontra *Money Laundering* u regolamenti magħmulin taħtu. Kap. 373.

(8) Sakemm ma jkunx eskluż, sospiż jew pospost skont il-pattijiet ta' fondazzjoni jew dikjarazzjoni benefiċjarja, kull persuna li tkun sid benefiċjarju ta' fondazzjoni għandha dritt ta' aċċess għal informazzjoni li tirrigwarda lilha fir-reġistru ta' sidien benefiċjarji miżmum minn dik il-fondazzjoni fi żmien raġonevoli wara li tkun għamlet talba bil-miktub għal dan il-għan lill-fondazzjoni. Madankollu l-fatt li dawn il-persuni ma jkollhomx dritt għall-informazzjoni sa meta jiġu maħtura biex jibbenefikaw taħt il-fondazzjoni ma jfissirx li d-dmir li jiġi dikjarat il-jedd tagħhom taħt dan ir-regolament ma jkunx jeżisti.

(9) Jekk ma jiġux osservati d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament, il-fondazzjoni u kull uffiċjal tal-fondazzjoni li jkunu ħatja jeħlu penali *in solidum* u, għal kull ġurnata li l-ksur ikompli, jeħlu penali addizzjonali.

Iżda uffiċjal tal-fondazzjoni ma jkunx personalment ħati jekk juri li jkun eżerċita d-diliġenza kollha dovuta biex jiġu osservati d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament u l-ksur ma kienx dovut għal xi att jew ommissjoni jew negliġenza min-naħa tiegħu.

Dikjarazzjoni li għandha tintbagħat lir-Reġistratur għal-Persuni Ġuridiċi.

5. (1) B'effett mill-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, fejn:

(a) il-fondazzjoni għandha tiġi stabbilita u reġistrata taħt it-Tieni Skeda; jew

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) fondazzjoni ġiet stabbilita u, jew reġistrata qabel il-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti;

għandha tinbagħat lir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi, fil-każ ta' dawk il-fondazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu (a) qabel ir-reġistrazzjoni tagħhom u fil-każ ta' dawk il-fondazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu (b) fi żmien sitt xhur mill-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, dikjarazzjoni, fuq il-formula preskritta, jekk ikun hemm, iffirmata minn tnejn mill-amministraturi tal-fondazzjoni, sakemm il-fondazzjoni ma jkollhiex amministratur wieħed biss f'liema każ iffirmata minn dak l-amministratur, li jkun fiha l-informazzjoni f'konformità mar-regolament 4 dwar is-sidien benefiċjarji kollha tal-fondazzjoni. Fejn l-amministratur hu għaqda korporata, dik id-dikjarazzjoni għandha tiġi ffirmata minn għallinqas żewġ persuni fdati bil-ġestjoni u amministrazzjoni tal-assoċjazzjoni.

(2) Fondazzjoni, u d-dokumenti relattivi kollha, ma tiġix reġistrata sakemm ir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi ma jkunx sodisfatt li l-ħtiġiet ta' dan ir-regolament ikunu ġew osservati.

(3) Fin-nuqqas ta' osservanza, il-fondazzjoni u kull uffiċjal li jkunu ħatja jeħlu penali *in solidum* u, għal kull ġurnata li l-ksur ikompli, jeħlu penali addizzjonali:

Iżda uffiċjal tal-fondazzjoni ma jkunx personalment ħati jekk juri li jkun eżerċita d-diliġenza kollha dovuta biex jiġu osservati d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament u l-ksur ma kienx dovut għal xi att jew ommissjoini jew negliġenza min-naħa tiegħu.

Reġistru ta' Sidien Benefiċjarji.

6. (1) L-informazzjoni dwar is-sidien benefiċjarji ta' kull fondazzjoni li tingħata lir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi f'konformità ma' dawn ir-regolamenti għandha tinżamm mir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi f'Reġistru ta' Sidien Benefiċjarji li jinżamm għal dan il-għan.

(2) Dokumenti li huma meħtieġa li jintbagħtu lir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti ma jiffurmawx parti minn, u l-anqas ma jiġu reġistrati, fir-Reġistru prinċipali amministrat mir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi taħt it-Tieni Skeda u l-informazzjoni dwar is-sidien benefiċjarji ta' kull fondazzjoni mogħtija lir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi f'konformità ma' dawn ir-regolamenti għandha tiddaħħal u tinżamm mir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi fir-Reġistru ta' Sidien Benefiċjarji biss, miżmum mir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi għal dan il-għan.

(3) Ir-Reġistru ta' Sidien Benefiċjarji jkun aċċessibbli biss

VERŻJONI ELETTRONIKA

għal dawk il-persuni u skont dawk il-proċeduri stabbiliti f'dawn ir-regolamenti. Sabiex jitneħħa kull dubju, f'każ ta' konflitt fir-rigward ta' aċċessibbiltà, dawn ir-regolamenti għandhom jipprevalu fuq id-dispożizzjonijiet tat-Tieni Skeda għal dak li jirrigwarda ir-Reġistru ta' Sidien Benefiċjarji.

(4) L-informazzjoni mogħtija minn fondazzjoni f'konformità mar-regolament 5 għandha titqies li hi suffiċjentement ta' min jorbot fuqha sabiex ir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi jaqdi dmirijietu taħt dawn ir-regolamenti.

Avviż dwar bidla fis-sidien benefiċjarji lir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi.

7. (1) L-informazzjoni miżmuma fir-Reġistru ta' Sidien Benefiċjarji għandha tkun adegwata, preċiża u aġġornata.

(2) Meta jkun hemm bidla fis-sjieda benefiċjarja ta' fondazzjoni jew tirrikorri xi bidla oħra li jkollha r-riżultat li d-dettalji fir-Reġistru ta' Sidien Benefiċjarji fir-rigward ta' sid benefiċjarju ma jkunux korretti jew kompleti, il-fondazzjoni għandha, fi żmien erbatax-il ġurnata mid-data li fiha l-bidla tiġi reġistrata mal-fondazzjoni, tibgħat avviż lir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi, fil-forma preskritta, jekk ikun hemm, dwar il-bidla, waqt li tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa skont ir-regolament 4 dwar kull sid benefiċjarju ġdid, informazzjoni aġġornata inkluża l-għamla u l-firxa tal-interess benefiċjarju miżmum fuq kull wieħed mis-sidien benefiċjarji l-oħra u d-data effettiva ta' meta saru l-bidliet, u r-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi għandu jdaħħal il-bidliet imsemmija fir-Reġistru ta' Sidien Benefiċjarji:

Iżda jekk il-bidla fl-informazzjoni dwar sjieda benefiċjarja tirrigwarda bidla fl-amministratur(i), l-amministratur(i) ġdid (ġodda) ikollu (ikollhom) id-dmir li jinforma(w) lir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi dwar dik il-bidla.

(3) Ir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi m'għandux jirreġistra xi bidla fis-sidien benefiċjarji sakemm ma jkunux ġew osservati l-ħtiġiet tas-subregolament (2).

(4) L-avviżi dwar bidliet fis-sjieda benefiċjarja msemmija fis-subregolament (2), debitament kompletati, għandhom jiġu ffirmati minn għall-inqas uffiċjal wieħed tal-fondazzjoni. Fejn l-uffiċjal hu għaqda korporata, dik id-dikjarazzjoni għandha tiġi ffirmata minn għallinqas żewġ persuni fdati bil-ġestjoni u amministrazzjoni tal-assoċjazzjoni.

(5) Fin-nuqqas ta' osservanza tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament, il-fondazzjoni u kull uffiċjal li jkunu ħatja jeħlu penali *in solidum* u, għal kull ġurnata li l-ksur ikompli, jeħlu penali

VERŻJONI ELETTRONIKA

addizzjonali:

Iżda uffiċjal tal-fondazzjoni ma jkunx personalment ħati jekk juri li jkun eżerċita d-diliġenza kollha dovuta biex jiġu osservati d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament u l-ksur ma kienx dovut għal xi att jew ommissjoini jew negliġenza min-naħa tiegħu

(6) L-obbligu li jiġi preżentat avviż f'konformità ma' dan ir-regolament ma jeżonerax lill-fondazzjoni, jew kull wieħed mill-uffiċjali tagħha, mid-dmir li jinnotifikaw dawk il-bidliet lir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi jew kull persuna oħra f'konformità ma' liġi speċjali applikabbli.

Rettifika tar-Reġistru ta' Sidien Benefiċjarji.

8. (1) Jekk:

(a) l-isem ta' xi persuna, mingħajr raġuni suffiċjenti, jiddaħħal jew jitneħħa mir-reġistru ta' sidien benefiċjarji miżmum u aġġornat minn fondazzjoni jew fir-Reġistru ta' Sidien Benefiċjarji miżmum u aġġornat mir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi; jew

(b) jkun hemm dewmien mhux neċessarju biex jiddaħħal fir-reġistru ta' sidien benefiċjarji miżmum u aġġornat minn fondazzjoni jew fir-Reġistru ta' Sidien Benefiċjarji miżmum u aġġornat mir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi l-fatt li persuna ma baqatx sid benefiċjarju;

il-persuna li tħoss ruħha aggravata jew kull sid benefiċjarju jistgħu jippreżentaw rikors fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, sabiex issir rettifika fir-reġistru ta' sidien benefiċjarji u, jew fir-Reġistru ta' Sidien Benefiċjarji.

(2) Fejn isir rikors taħt is-subregolament (1), il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tista':

(a) tirrifjuta r-rikors;

(b) tiddeċiedi kull kwistjoni rigward jekk l-isem ta' xi persuna li tkun parti fir-rikors għandux jew m'għandux jiddaħħal jew jitneħħa mir-reġistru ta' sidien benefiċjarji jew mir-Reġistru ta' Sidien Benefiċjarji kif ikun il-każ;

(ċ) tordna r-rettifika tar-reġistru ta' sidien benefiċjarji jew tar-Reġistru ta' Sidien Benefiċjarji kif ikun il-każ;

(d) tordna l-ħlas mill-fondazzjoni ta' kumpens sa elf euro (€1,000) għal kull telf mġarrab minn parti li tħoss ruħha aggravata; u, jew

VERŻJONI ELETTRONIKA

(e) b'mod aktar ġenerali, tiddeċiedi dwar kull kwistjoni li hu meħtieġ jew spedjenti li tiġi deċiża għar-rettifika tar-reġistru rilevanti.

(3) Id-deċiżjonijiet kollha tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fir-rigward tar-reġistru ta' sidien benefiċjarji jew tar-Reġistru ta' Sidien Benefiċjarji għandhom jitqiesu li huma ordnijiet li japplikaw għall-fondazzjoni u għar-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi, mingħajr ma jkun parti fir-rikors, u dawn għandhom, malli jiġu notifikati b'kopja ċertifikata tas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, jaġixxu skont kif dovut biex jiżguraw li jittieħdu azzjonijiet identiċi fir-reġistru ta' sidien benefiċjarji u, jew fir-Reġistru ta' Sidien Benefiċjarji.

Aċċess għal informazzjoni fir-Reġistru ta' Sidien Benefiċjarji.

9. (1) L-informazzjoni dwar sidien benefiċjarji ta' fondazzjoni miżmuma mir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi fir-Reġistru ta' Sidien Benefiċjarji għandha, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, tkun aċċessibbli għal:

(a) awtoritajiet kompetenti nazzjonali b'responsabbiltajiet speċifikati fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu, jew li jkollhom il-funzjoni ta' investigazzjoni jew prosekuzzjoni ta' ħasil tal-flus, reati kriminali assoċjati u finanzjar tat-terroriżmu, u li jirrintraċċaw, jaqbdu, jiffriżaw jew jikkonfiskaw attiv kriminali, il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja u awtoritajiet nazzjonali tat-taxxa, u kull awtorità kompetenti oħra nazzjonali li tinkwadra fit-tifsira mogħtija lilha fir-Regolamenti kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu mhux hawn qabel koperta, għall-finijiet tat-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom statutorji, bla dewmien mingħajr ebda restrizzjoni u mingħajr ma tiġi infurmata l-fondazzjoni jew is-sidien benefiċjarji konċernati; u L.S. 373.01

(b) persuni soġġetti skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu sabiex titwettaq bla dewmien id-diliġenza dovuta dwar klijent f'konformità mal-imsemmija regolamenti b'referenza għal dik il-fondazzjoni, liema aċċess għandu jingħata bla dewmien wara li tkun saret talba bil-miktub. L.S. 373.01

(2) Bla ħsara għall-osservanza tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*, meta jkun hemm aċċess għal *data* personali, kull persuna jew organizzazzjoni li, f'talba bil-miktub, juru b'mod sodisfaċenti u jiġġustifikaw interess leġittimu speċifikament relatat mal-prevenzjoni ta' ħasil tal-flus jew l-iffinanzjar tat-terroriżmu jistgħu jingħataw l-informazzjoni li ġejja miżmuma fir-Reġistru ta' Sidien Benefiċjarji għal dak li jirrigwarda Kap. 440.

VERŻJONI ELETTRONIKA

fondazzjoni speċifikata:

(a) l-isem;

(b) ix-xahar u s-sena tat-twelid;

(ċ) in-nazzjonalità;

(d) il-pajjiż ta' residenza; u

(e) il-firxa u l-għamla tal-interess benefiċjarju tas-sidien benefiċjarji tal-fondazzjoni;

u dan għandu jingħata mingħajr dewmien. Kull tali persuna jew organizzazzjoni ma għandhomx jingħataw aċċess għal xi informazzjoni jew dokumenti oħra li jirrigwardaw is-sidien benefiċjarji tal-fondazzjoni li jistgħu jkunu fil-pussess tar-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi.

(3) Il-persuni soġġetti msemmija fis-subregolament (1)(b) għandhom, flimkien mat-talba bil-miktub, jissottomettu lir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi:

(a) dettalji dwar l-identifikazzjoni u informazzjoni oħra appoġġjata b'dokumenti, ċertifikati bħala awtentiċi, li juru li l-persuna li titlob aċċess għar-Reġistru hi persuna suġġetta, bħal ma huma liċenza jew *warrant* professjonali jew xhieda oħra dwar il-funzjoni tal-persuna suġġetta;

(b) dikjarazzjoni li l-għan tar-riċerka għandu x'jaqsam ma' u ser jikkontribwixxi fil-prevenzjoni, l-iskoperta u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus jew ir-reati assoċjati sekondarji jew l-iffinanzjar tat-terroriżmu;

(ċ) dokumentazzjoni, ċertifikata bħala awtentika, dwar ir-relazzjoni legali mal-fondazzjoni jew is-sidien benefiċjarji, bħal ma huma ittra ta' ħatra jew ittra ta' istruzzjoni dwar ħatra ta' persuna suġġetta jew prokura; u

(d) kull dokument ieħor li r-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi jista' jqis li hu meħtieġ.

(4) Il-persuni jew organizzazzjonijiet imsemmija fis-subregolament (2) għandhom, flimkien mat-talba bil-miktub, jissottomettu lir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi:

(a) dettalji dwar l-identifikazzjoni u informazzjoni oħra appoġġjata b'dokumenti, ċertifikati bħala awtentiċi, li

VERŻJONI ELETTRONIKA

jidentifikaw il-persuna li titlob informazzjoni mir-Reġistratur ta' Sidien Benefiċjarji;

(b) dikjarazzjoni li l-għan tar-riċerka għandu x'jaqsam u ser jikkontribwixxi għall-prevenzjoni, skoperta u ġlieda kontra l-ħasil tal-flus jew ir-reati assoċjati sekondarji u l-iffinanzjar tat-terroriżmu;

(ċ) dikjarazzjoni dwar il-bażi tal-interess leġittimu li fuqu hi bbażata t-talba u dokumentazzjoni assoċjata ta' appoġġ li tista' tkun raġonevolment meħtieġa mir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi sabiex jaċċerta ruħu *prima facie* li l-persuna jew l-organizzazzjoni għandhom interess leġittimu biex jikkonsultaw ir-Reġistru ta' Sidien Benefiċjarji b'referenza għall-fondazzjoni partikolari jew is-sidien benefiċjarji tagħha; u

(d) kull dokument ieħor li r-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi jista' jqis li hu meħtieġ.

Għal dan il-għan, ir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi jista' jippubblika linji gwida li jelenkaw id-dokumentazzjoni meħtieġa bħala appoġġ għal tali talba għal informazzjoni miżmuma fir-Reġistru ta' Sidien Benefiċjarji u x-xhieda dwar kull interess leġittimu dikjarat kif ukoll il-proċedura biex isiru tali talbiet u kull kondizzjoni oħra applikabbli.

(5) L-aċċess għal, jew l-għoti ta', informazzjoni miżmuma fir-Reġistru ta' Sidien Benefiċjarji jkunu soġġetti għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-awtoritajiet kompetenti msemmija fis-subregolament (1)(a) għandhom jingħataw aċċess mingħajr restrizzjoni għall-informazzjoni miżmuma fir-Reġistru ta' Sidien Benefiċjarji fuq il-premessa li tali konsultazzjoni għandha x'taqsam mal-funzjonijiet statutorji ta' tali awtorità kompetenti u mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-awtorità kompetenti rilevanti taħt liġijiet u regolamenti applikabbli dwar protezzjoni ta' *data*;

(b) persuni soġġetti msemmija fis-subregolament (1)(b) għandhom jingħataw aċċess għall-informazzjoni mitluba miżmuma fir-Reġistru ta' Sidien Benefiċjarji wara talba bil-miktub lir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi fuq il-bażi li d-dikjarazzjonijiet magħmula u d-dokumenti sottomessi huma sodisfaċenti kif imsemmi fis-subregolament (3) u mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-persuna suġġetta rilevanti taħt liġijiet u regolamenti applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data* u

VERŻJONI ELETTRONIKA

liġijiet dwar is-segretezza professjonali; u

(ċ) il-persuni jew organizzazzjonijiet imsemmijin fis-subregolament (2) għandhom jingħataw l-informazzjoni mitluba mal-osservanza sodisfaċenti tas-subregolament (4). Sabiex ma jkun hemm l-ebda dubju, għandha tkun il-persuna jew l-organizzazzjoni li tagħti prova tal-interess leġittimu tagħha lir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi. Kull tali talba u permess mogħti għandhom ikunu limitati għall-fondazzjoni speċifika u għas-sid jew sidien benefiċjarji rilevanti.

(6) L-aċċess għal informazzjoni dwar sid benefiċjarju ta' fondazzjoni taħt is-subregolamenti (1)(b) u (2) ma jistax jingħata, kompletament jew għal parti minnu, meta f'ċirkostanzi eċċezzjonali li għandhom jiġu ġustifikati permezz ta' xhieda dokumentarja u li għandhom jiġu deċiżi fuq bażi ta' każ b'każ, l-aċċess għal informazzjoni dwar tali sjieda benefiċjarja jista' jesponi lis-sid benefiċjarju għar-riskju ta' frodi, ħtif tal-persuna, rikatt, vjolenza jew intimidazzjoni, jew jekk is-sid benefiċjarju huwiex minuri jew mod ieħor mhux kapaċi.

Din il-limitazzjoni ma għandhiex tostakola b'ebda mod l-aċċess ta' persuni msemmija fis-subregolament (1)(a) jew ta' istituzzjonijiet ta' kreditu jew finanzjarji fit-twettieq tad-dmirijiet tagħhom taħt il-liġijiet għall-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu.

Kull talba għal informazzjoni li tqajjem ir-riskji fuq imsemmija, fuq il-bażi tal-informazzjoni mogħtija mill-fondazzjoni meta tosserva dawn ir-regolamenti għandha tiġi eżaminata mir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi fuq bażi ta' każ b'każ qabel ma jiddeċiedi dwar jekk għandux jagħti aċċess jew le għall-informazzjoni.

(7) Ir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi jkun marbut li jinnotifika bil-miktub lill-applikant dwar kull deċiżjoni li jista' jieħu li tirrifjuta t-talba bil-miktub magħmula lilu, waqt li jagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu. Kull persuna jew organizzazzjoni li tħoss ruħha aggravata b'xi deċiżjoni tar-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi tista' tappella lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, minn dik id-deċiżjoni fi żmien tletin ġurnata minn meta tkun ġiet riċevuta jew, meta ma jkun hemm l-ebda risposta għal applikazzjoni, wara ħamsa u erbgħin ġurnata mid-data tat-talba bil-miktub lir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi.

(8) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, inklużi l-liġijiet dwar segretezza professjonali u l-protezzjoni tad-*data*, l-

VERŻJONI ELETTRONIKA

awtoritajiet kompetenti msemmija fis-subregolament (1)(a) u l-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jistgħu, f'konformità mal-funzjonijiet tagħhom taħt il-liġi applikabbli, jipprovdu l-informazzjoni dwar sidien benefiċjarji lil awtoritajiet kompetenti u lil Korpi għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea u għandhom jagħmlu dan mingħajr dewmien.

(9) Ir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi jista' jesiġi li t-talbiet għal aċċess għal informazzjoni fir-Reġistru ta' Sidien Benefiċjarji jsiru *online*, u jista' jitlob miżata għal tali aċċess għar-Reġistru kif jiġi stabbilit f'linji gwida li jista' joħroġ għal dan il-għan, sabiex jiġbor l-ispejjeż amministrattivi għal dak l-aċċess.

Protezzjoni tad-*data* u kunfidenżjalità. Kap. 440.

10. (1) Il-persuni kollha li għandhom jedd għal aċċess għal informazzjoni skont dawn ir-regolamenti jkunu soġġetti għall-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data* u r-regolamenti rilevanti magħmulin taħtu u għandhom ikunu ukoll soġġetti għall-obbligu li ma jiżvelawx informazzjoni dwar sidien benefiċjarji ħlief kif meħtieġ u permess bil-liġi applikabbli.

(2) Ir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi jkun marbut li jżomm il-kunfidenzjalità dwar kull aċċess għar-Reġistru ta' Sidien Benefiċjarji mill-awtoritajiet imsemmija fir-regolament 9(1)(a) u m'għandux jinforma lill-fondazzjoni jew lis-sidien benefiċjarji li dwarhom titfittex l-informazzjoni dwar tali aċċess.

Dispożizzjonijiet ta' appoġġ għall-funzjonijiet tar-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi.

Kap. 373.

11. (1) Il-fatt li fondazzjonijiet josservaw dawn ir-regolamenti fir-rigward tal-għoti ta' informazzjoni lir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi m'għandux jagħti x'jifhem li tali fondazzjonijiet ma jibqgħux ugwalment obbligati li jipprovdu kull informazzjoni li tintalab minn għandhom minn persuni soġġetti li jieħdu miżuri ta' diliġenza dovuta dwar klijent skont l-Att kontra *Money Laundering* u regolamenti applikabbli, kif ukoll oħrajn li għandhom dritt għal tali informazzjoni taħt liġijiet speċjali, dwar tali fondazzjoni u s-sidien benefiċjarji tagħha.

(2) Sabiex jiġi żgurat li r-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi ma jiġix mgħarraq b'talbiet taħt dawn ir-regolamenti li jistgħu faċilment jiġu solvuti bl-osservanza bażika tal-liġijiet applikabbli u sabiex jiġu evitati talbiet lir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi li mhumiex eliġibbli taħt dawn ir-regolamenti:

(a) il-persuni soġġetti kollha għandhom jittrattaw direttament ma' fondazzjonijiet u sidien benefiċjarji qabel ma japplikaw għand ir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi; u

(b) il-fondazzjonijiet kollha għandhom jipprovdu

VERŻJONI ELETTRONIKA

informazzjoni dwar is-sidien benefiċjarji tagħhom, diretti jew indiretti, lil persuni soġġetti, kif ukoll lil oħrajn li għandhom dritt għal tali informazzjoni taħt liġijiet speċjali, mingħajr dewmien, meta:

Kap. 373.

(i) tali persuni soġġetti qed iwettqu miżuri ta' diliġenza dovuta dwar klijent skont l-Att kontra *Money Laundering* u regolamenti applikabbli; jew

(ii) persuni oħra li qed jitolbu informazzjoni mill-fondazzjoni stess u li għandhom jedd li jitolbu, u jirċievu, tali informazzjoni, qed jagħmlu dan għall-finijiet ta' liġijiet speċjali li huma maħsuba għall-prevenzjoni, l-iskoperta u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus jew ir-reati assoċjati sekondarji jew l-iffinanzjar tat-terroriżmu.

(3) F'kull każ, persuni soġġetti m'għandhomx jiddependu esklussivament fuq ir-Reġistru ta' Sidien Benefiċjarji sabiex iwettqu l-ħtiġiet tagħhom dwar diliġenza dovuta fuq klijenti u l-aċċess għar-Reġistru ta' Sidien Benefiċjarji minn persuni soġġetti skont dawn ir-regolamenti ma jeżonerax tali persuni soġġetti mir-responsabbiltajiet u dmirijiet kollha imposti fuqhom skont il-liġi applikabbli.

Informazzjoni ħażina, falza jew qarrieqa.

12. Kull uffiċjal jew sid benefiċjarju ta' fondazzjoni li xjentement jew b'nuqqas ta' ħsieb jagħmel stqarrija, dikjarazzjoni jew mod ieħor jipprovdi lir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja ta' fondazzjoni, li tkun ħażina, falza jew qarrieqa f'xi dettall materjali, ikun ħati ta' reat u jeħel meta jinsab ħati multa ta' mhux aktar minn ħamest elef euro (€5,000) jew priġunerija għal mhux aktar minn sitt xhur jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Interkonnessjoni tar-Reġistru ta' Sidien Benefiċjarji.

13. (1) Ir-Reġistru ta' Sidien Benefiċjarji miżmum mir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi skont ir-regolament 6 għandu jkun interkonness ma' reġistri ċentrali magħmula mir-reġistri ta' Stati Membri u Stati taż-ŻEE permezz tal-Pjattaforma Ċentrali Ewropea u l-portal Ewropew tal-*e-Justice* li jservu bħala l-punt ta' aċċess elettroniku Ewropew.

(2) L-informazzjoni dwar sidien benefiċjarji ta' fondazzjoni miżmuma mir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi fir-Reġistru ta' Sidien Benefiċjarji għandha tkun disponibbli u aċċessibbli lill-persuni msemmija fir-regolament 9(1)(a) permezz tas-sistema ta' interkonnessjoni ta' reġistri msemmija f'dan ir-regolament.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Komunikazzjoni elettronika.

14. Kull dokument li hu meħtieġ li jintbagħat lir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi taħt xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, u kull tali kunsinna u żamma ta' kull dokument bħal dak mir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi, jista' jkun f'dak il-format u jintbagħat b'tali mezzi, inklużi f'forma elettronika u permezz ta' komunikazzjoni elettronika skont it-tifsira tal-Att dwar il-Komunikazzjonijiet u Transazzjonijiet Elettroniċi, kif ir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi jista' jidhirlu xieraq.

Kap. 426.

Penali amministrattivi.

15. (1) Fejn xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti tipprovdi għall-impożizzjoni ta' penali, l-ammont ta' dik il-penali għandu jiġi determinat b'referenza għall-Iskeda, li tispeċifika l-penali massima li tista' tiġi imposta mir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi taħt xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Fl-Iskeda, l-ewwel kolonna tindika ir-regolament u s-subregolament li jippreskrivi li għandha tiġi imposta penali, it-tieni kolonna tagħti deskrizzjoni ġenerali tal-ksur, liema deskrizzjoni m'għandhiex tiġi kkunsidrata fl-interpretazzjoni ta' xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, it-tielet kolonna tiddeskrivi l-penali massima u r-raba' kolonna tippreskrivi l-penali massima għal kull ġurnata.

(3) L-azzjoni tar-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi sabiex jiġbor penali taħt dawn ir-regolament tkun preskritta wara li jgħaddu ħames snin mill-ġurnata meta jkun sar ir-reat.

(4) Fondazzjoni tkun responsabbli *in solidum* mal-uffiċjali tagħha għall-ħlas ta' kull penali amministrattiva imposta taħt dawn ir-regolamenti.

(5) Id-dispożizzjonijiet tal-Iskeda għandhom japplikaw għal kull penali imposta mir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi taħt dawn ir-regolamenti.

Miżati.

16. L-aċċess għal informazzjoni fir-Reġistru ta' Sidien Benefiċjarji jista' jkun soġġett għall-ħlas ta' miżata li ma għandux ikun ogħla mill-ispejjeż amministrattivi għal dak l-aċċess. Ir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi jista', minn żmien għal żmien permezz ta' avviż disponibbli pubblikament fir-Reġistru għal Persuni Ġuridiċi, jistabbilixxi dik il-miżata.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Formuli.

17. Ir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi jkollu s-setgħa li joħroġ u jippreskrivi formuli, u li jimmodifikahom kif ikun meħtieġ, minn żmien għal żmien, li għandhom jintużaw minn fondazzjonijiet, sidien benefiċjarji, persuni li jitolbu aċċess u informazzjoni jew mod ieħor, għall-aħjar twettieq u implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

VERŻJONI ELETTRONIKA

SKEDA
Regolamenti dwar ir-Reġistru ta' Sidien Benefiċjarji - Fondazzjonijiet (It-Tieni Skeda) (Kodiċi Ċivili)

Penali u Regolamenti li japplikaw għalihom

Regolament	Ksur	Penali	Penali ta' kuljum
4(9)	Nuqqas li jinżamm *record* ta' sidien benefiċjarji	€500	€5
5(3)	Nuqqas ta' osservanza tar-regolament 5	€500	€5
7(5)	Nuqqas ta' għoti ta' informazzjoni lir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi dwar bidla fis-sid benefiċjarju ta' fondazzjoni	€500	€5

Id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għal kull penali imposta mir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar ir-Reġistru ta' Sidien Benefiċjarji - Fondazzjonijiet (It-Tieni Skeda) (Kodiċi Ċivili):

(1) Meta r-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi jagħti avviż bil-miktub lil xi fondazzjoni u, jew lil xi persuna li dik il-fondazzjoni u, jew persuna, weħlet penali taħt dawn ir-regolamenti waqt li tiġi speċifikata n-natura tal-ksur, u jiġi indikat l-ammont li għandu jitħallas bħala penali fir-rigward ta' dak il-ksur, il-fondazzjoni u, jew il-persuna li lilha jingħata l-avviż għandha, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (2) sa (15) titqies li weħlet penali taħt dawn ir-regolamenti, u l-ammont indikat li kif intqal qabel għandu jitiqies bħala dovut bħala penali inkluża kull penali dovuta għal kull ġurnata li fiha jkompli l-ksur għandhom jitqiesu bħala l-penali dovuta taħt dawn ir-regolamenti għall-ksur speċifikat fl-avviż.

(2) Avviż kif imsemmi fil-paragrafu (1) għandu, malli tiġi notifikata kopja tiegħu permezz ta' ittra uffiċjali lill-fondazzjoni u, jew xi persuna indikata fl-avviż, jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-effetti u għanijiet kollha tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili sakemm dik il-persuna, fi żmien tletin ġurnata mid-data tan-notifika, ma tibdiex proċeduri quddiem il-qorti biex toġġezzjona għal dik il-penali kekk imposta.

(3) Fejn xi fondazzjoni u, jew xi persuna tixtieq tibda' proċeduri biex toġġezzjona għal penali msemmija fil-paragrafu (1), dawk il-proċeduri għandhom jinbdew permezz ta' rikors kontra r-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi.

(4) L-applikazzjoni għandha, taħt piena ta' nullità, tiddikjara b'mod ċar u konċiż in-natura tal-ilment, il-fatti li dwarhom seħħ l-ilment, ir-raġunijiet li għalihom dak l-ilment għandu jintlaqa' u t-talba li l-penali mhiex dovuta skont il-liġi jew hi dovuta f'ammont inqas biss.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(5) Il-qorti m'għandhiex tannulla jew tnaqqas penali kif intqal qabel jekk tali penali ma tistax tiġi imposta skont il-liġi fiċ-ċirkostanzi tal-każ, jew ma tistax tiġi ffissata skont il-liġi fl-ammont impost mir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi.

(6) L-applikant għandu jehmeż mar-rikors id-dokumenti kolla li jappoġġaw it-talba tiegħu li hu jkollu s-setgħa li jipproduċi, u għandu jindika fir-rikors tiegħu l-ismijiet tax-xhieda kollha li biħsiebu jipproduċi waqt li jiddikjara, dwar kull wieħed minnhom, il-prova li biħsiebu jġib.

(7) Il-qorti għandha, mingħajr dewmien, tiffissa d-data tas-smigħ tar-rikors għal ġurnata bikrija, liema data m'għandhiex tkun aktar tard minn tletin ġurnata mid-data tal-preżentata tar-rikors.

(8) Ir-rikors, u l-avviż tad-data ffissata għas-smigħ, għandhom jiġu notifikati lir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi mingħajr dewmien, u l-imsemmi Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi għandu jippreżenta t-tweġiba tiegħu għar-rikors fi żmien erbatax-il ġurnata mid-data tan-notifika tar-rikors.

(9) Ir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi għandu, fit-tweġiba tiegħu, jiddikjara b'mod ċar u konċiż jekk jaqbilx mal-fatti msemmija fir-rikors, u r-raġunijiet li għalihom joġġezzjona għat-talba; hu għandu wkoll isemmi fit-tweġiba tiegħu l-ismijiet tax-xhieda bħala appoġġ għar-raġunijiet tiegħu u għandu jehmeż magħha d-dokumenti kollha b'appoġġ għalihom.

(10) Fil-ġurnata ffissata għas-smigħ, il-qorti għanda tittratta biss il-kwistjonijiet ta' fatt u ta' liġi li joħorġu mir-rikors, mit-tweġiba u mid-dokumenti preżentati, minn kull waħda mill-partijiet, jew mix-xhieda indikata minn kull waħda mill-partijiet fir-rikors jew fit-tweġiba, kif ikun il-każ, jew mix-xhieda verbali mogħtija minn kull waħda mill-partijiet.

(11) Il-qorti għandha tisma' r-rikors sal-konklużjoni fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mid-data ffissata għas-smigħ oriġinali, u ma jingħata l-ebda differiment ħlief jew bil-kunsens taż-żewġ partijiet, jew għal raġuni eċċezzjonali li għandha tiġi reġistrata mill-qorti, u dik id-data tad-differiment m'għandhiex tkun aktar tard minn data ġustifikata għal dik ir-raġuni.

(12) Bla ħsara għall-paragrafi ta' qabel, id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li għandhom x'jaqsmu ma' proċeduri quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili għandhom japplikaw fir-rigward ta' kull tali rikors.

(13) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 256(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, it-titolu eżekuttiv imsemmi fil-paragrafu (2) ma jkunx eżegwibbli qabel ma jgħaddu tletin ġurnata min-notifika tal-att ġudizzjarju msemmi f'dak l-artikolu.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(14) Id-deċiżjoni tal-qorti rigward rikors imsemmi fil-paragrafu (3), li tikkonferma l-impożizzjoni ta' penali ffissata mir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi jew li tnaqqas xi tali penali, għandha malli ssir *res judicata* titqies li hi sentenza tal-qorti li tordna l-ħlas, min-naħa tar-rikorrent, tal-penali kif konfermata jew mnaqqsa.

(15) Appell mid-deċiżjoni tal-qorti rigward rikors imsemmi fil-paragrafu (3), għandu jsir permezz ta' rikors lill-Qorti tal-Appell li għandu jiġi ppreżentat fi żmien sitt ijiem tax-xogħol mid-data tad-deċiżjoni; il-fondazzjoni u, jew il-persuna li kontra tagħha jkun ġie ppreżentat ir-rikors għandha, fi żmien sitt ijiem tax-xogħol mid-data tan-notifika tar-rikors, tippreżenta tweġiba għall-appell.